***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-kontinwazzjoni tal-mitejn u sebgħa u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju 2010 fit-3.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |
| Dr Jonathon Abela LL.D | Kunsillier |

Is-Segretarju Eżekuttiv ittra li rċieva mingħand is-Sinjura J. Bugeja fejn talbet li tiġi skużata għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill approva li tiġi skużata.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Għażla ta' offerti – *Provision of Insurance Services*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li meta nfetħet il-kaxxa tal-offerti nhar it-2 t'April 2010 fl-12.00pm fil-preżenza tas-Sindku, l-Kunsillier s-Sur A. Ellul u s-Segretarju Eżekuttiv, instabu 4 offerti.

Il-Kunsill ġie ppreżentat bi skeda tal-offerti li daħlu u l-prezzijiet individwali (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li l-Kunsill evalwa l-offerti li daħlu, ġie deċiż li l-kuntratt jingħata lill-kumpanija li sottomettiet l-orħos offerta li tkopri l-*policies* kollha mitluba mill-Kunsill, li kienet il-kumpanija *Mediterranean Insurance Brokers Ltd* għal prezz ta' €3,352.51 fis-sena.

## 4. Ittra ta' Direzzjoni mill-Uditur tal-Gvern Lokali

Fl-4.10pm is-Sindku ġie skużat mil-laqgħa u l-Viċi Sindku ppresieda.

Il-Kunsilliera ġew ippreżentati b'kopja tal-*Audited Financial Statements*, l-Ittra ta' Direzzjoni mill-Uditur tal-Gvern Lokali u r-risposta tal-Kunsill għall-istess Ittra ta' Direzzjoni (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li saret spjegazzjoni dettaljata mas-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra tal-Uditur.

## 5. Programm ta' attivitajiet għal Jum il-Ħamrun

Il-Kunsill ġie aġġornat bil-programm tal-attivitajiet għal Jum il-Ħamrun ta' din is-sena:

- It-Tnejn 24 ta' Mejju fis-7.30pm – Inawgurazzjoni ta' Ġnien Oreste Kirkop.
- L-Erbgħa 26 ta' Mejju fis-6.00pm - Preżentazzjoni tal-Premju *'Qalb San Ġorġ Preca'* fl-Uffiċini Amministrattiv tal-Kunsill.
- Is-Sibt 29 ta' Mejju fid-9.30am – Laqgħa ta' tagħrif dwar saħħa u nutrizzjon fl-Uffiċini Amministrattiv tal-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Kumpanija *Chemimart*.

Fil-5.05pm Dr. J. Abela u s-Sinjura C. Borg ġew skużati mill-laqgħa.

## 6. Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv – April 2009 sa Diċembru 2009

Fil-5.07 s-Sindku reġa' daħal għal-laqgħa.

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tar-Rapport Amministrattiv għall-perjodu April 2009 sa Diċembru 2009 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Wara li saret spjegazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsill approva unanimament l-istess Rapport Amministrattiv.

## 7. *Hawkers* fil-Ħamrun

Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li l-Kunsill ikollu *policy* rigward il-*Hawkers* li jkun hemm fit-toroq ġewwa l-Ħamrun. Huwa staqsa jekk il-*Hawkers* humiex qed joperaw fil-parametri tal-liġi.

Il-Kunsill iddeċieda li jinforza r-regolamenti li jirrigwardjaw l-indafa li jridu jżommu l-bejjiegħa. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Pulizija biex jintalbu jaraw li l-*Hawkers* iżommu nadif il-postijiet fejn jarmaw.

## 8. <u>Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti</u>

*8.1 Bankini*

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-istat ħażin tal-bankina fi Triq il-Kbira San Ġużepp bejn Triq Farsons u Triq il-Kanun kif ukoll il-bankina fi Triq il-Fatati. Il-Kunsill approva unanimament li dawn il-partijiet tal-bankini jsiru mill-ġdid bil-konkors.

*8.2 Permess Speċjali għall-Parkeġġ*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li qed jiltaqa' ma' ċirkustanzi fejn residenti jkollhom problemi familjari u jeħtieġu *Special Parking Permit* biex jipparkjaw fil-Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li dawn il-każijiet għandhm jiġu kkunsidrati individwalment u f'każ li l-Kunsill japprova t-talba, il-persuna tingħata *Special Parking Permit* għal perjodu ta' sitt xhur.

Is-Sindku spjega li rċieva talba simili mingħand is-Sur Spiridione D'Amato li għalkemm jgħix il-Ħamrun qed juża vettura ta' oħtu li mhix residenta l-Ħamrun. Huwa talab li jinħareġ permess biex jipparkja mingħajr restrizzjoni fil-Ħamrun. Il-Kunsill approva li jingħata *Special Parking Permit* għal perjodu ta' sitt xhur.

*8.3 Bollards fi Triq Mikiel Anton Vassalli*

Is-Sur C. Valletta ippreżenta kopja ta' ritratt antik li juri li fi Triq Mikiel Anton Vassalli minn dejjem kien hemm *bollards*. Ġie deċiż li kopja tar-ritratt jintbagħat lit-*Transport Malta*.

*8.4 Motor Cycle Bay fi Triq San Gejtanu*

Is-Sur C. Valletta irċieva talba biex issir *Motor Cycle Bay* fi Triq San Gejtanu bejn il-garaxx li hemm kantuniera ma' Triq Santa Marija u l-garaxx ta' qablu. Huwa ppreżenta ritratt tal-post. Ġie deċiż li din it-talba tiġi referuta lit-*Transport Malta*.

*8.5 Bankini fi Triq il-Kbira San Ġużepp*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li rċieva talba mis-sidien tal-ħwienet li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp fejn hemm bankina fuq oħra biex titwessa l-bankina ta' fuq biex issir rampa u tkun aċċessibli għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Ġie deċiż li dan il-każ jiġi referut lill-*Contracts Manager* għall-parir.

*8.6 Parking Bays fi Triq Santu Wistin*

Is-Sur C. Valletta talab lill-Kunsill biex jara jekk jistgħux jiġu rranġati l-*parking bays* fi Triq Santu Wistin sabiex forsi tiżdied *parking bay*. Ġie deċiż li nitolbu lill-Koptasin biex jispezzjonaw it-triq.

*8.7 Offerti – Collection of Mixed Household Waste*

Nhar il-Erbgħa 12 ta' Mejju 2010 ser jinfetħu l-kaxxi tal-offerti għall-Kuntratt ta' Servizz ta' Ġbir ta' Skart. Is-Sindku u l-Viċi Sindku ser jattendi għall-ftuħ tal-kaxxa tal-offerti.

*8.8 Kuntratt – Ġbir ta' Skart Goff*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt għas-Servizz ta' *Bulky Refuse* skada fis-6 ta' Mejju 2010. Il-Kunsill approva li tinħareġ *tender* ġdida u li l-kuntratt eżistenti jiġi estiż sakemm jiġi ffirmat kuntratt ġdid.

*8.9 Kuntratt għas-Servizz ta' Contracts Manager*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt għas-Servizz ta' *Contracts Manager* jiskadi fl-1 ta' Lulju 2010. Il-Kunsill iddeċieda li jirrevedi l-Kuntratt qabel joħroġ *tender* ġdid.

## 9. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Vincent Bonello<br>Sindku<br>Kunsill Lokali Ħamrun | Philip Massa<br>Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Ħamrun |

DATA